MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 305/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Bezzina talli:

(1) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1988 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-12 ta' Settembru 2007 f'gardenia Home Centre, Triq Tumas Fenech, B'Kara, naqas, jew hu jew xi impjegat jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-

il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

(2) fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-istess Kap. 406, sabet lill-imsemmi Emanuel Bezzina hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' seba' mitt euro (€700) u, peress illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Bezzina pprezentat fit-30 ta' Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) din il-kawza u ohra kontra ibnu gew mismugha u trattati kontestwalment mill-ewwel Qorti. Huwa minnu illi ma telax jixhed izda ibnu xehed illi l-appellant ma kienx fil-hanut fit-12 ta' Settembru 2007, illi hu (cioe` ibnu) kien responsabbli ghall-gestjoni tal-hanut dakinhar u li l-ghodda (computer) biex tinhareg VAT invoice kienet funzjonabbli u disponibbli dakinhar. L-ispettur tal-VAT

ikkonferma illi fit-12 ta' Settembru 2007 l-appellant ma kienx fil-hanut u li l-persuna li kienet qed tmexxi l-hanut kien ibnu Christopher Bezzina. Jirrizulta ghalhekk illi l-appellant ezercita d-diligenza rikjesta minnu mil-ligi u li dakinhar tat-12 ta' Settembru 2007 huwa kien fl-impossibilita` li jagixxi ghax kien mili 'l boghod mill-hanut; (2) f'kull kaz jirrizulta car u nkontestat mill-provi illi kemm l-appellant u kemm il-klijent (certu Joseph Stivala) kienu t-tnejn persuni registrati taht l-artikolu 10 ta' l-Att. L-artikolu 50(1) ta' l-Att jistipula illi f'dan il-kaz, il-persuna li qed taghmel il-bejgh jew taghti s-servizz ghandha 31 jum biex taghti l-VAT invoice mid-data tal-konsenja jew mid-data li jircievi l-hlas, liema miz-zewg eventwalitajiet tigri l-ewwel. Ghalhekk skond il-ligi, u jekk tigi accettata in toto l-verzjoni tal-prosekuzzjoni, l-appellant kellu sat-13 ta' Ottubru 2007 biex jaghti din il-VAT invoice; (3) mill-fatti lilu rappurtati minn ibnu, fit-12 ta' Settembru 2007 ma kien sar ebda bejgh ta' provvista (i.e. ta' *receiver*) billi l-ftehim bejn ibnu u l-klijent kien fis-sens illi l-klijent kellu jinghata bi prova *receiver* u f'kaz li dan ir-*receiver* jissodisfa u jkun a gradiment tal-klijent, dan ta' l-ahhar kellu jikkonferma jekk hux ser jixtri jew le; jekk il-klijent jiddecidi li jixtri r-*receiver*, kellha tinhareg VAT invoice fi zmien 31 jum mid-data tal-konsenja.

Issa, mill-provi jirrizulta illi fit-12 ta' Settembru 2007 zewg spetturi tal-VAT marru fil-hanut Gardenia Home Centre li jinsab f'Birkirkara u hemm osservaw persuna thallas Lm400 lil iben l-appellant (Christopher Bezzina). Meta ccekkjaw l-*invoice* osservaw illi l-*invoice* ma kienx jirrispekkja l-hlas li kienet ghamlet dik il-persuna. M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-appellant, li huwa sid il-hanut, ossia l-persuna registrata mal-Kummissarju tal-VAT, ma kienx prezenti meta kienet qed issir l-ispezzjoni. Fil-fatt jidher li kien qieghed jiehu hsieb hanut iehor li huwa tieghu ukoll. Huwa jsostni illi ma setax jinsab responsabbli ghal dak li allegatament ghamel jew naqas milli jaghmel ibnu.

Effettivament din il-Qorti qed taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija llum fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Bezzina** (Appell Nru. 304/08), fejn l-

imsemmi Christopher Bezzina (iben l-appellant Emanuel Bezzina) ma nstabx hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, imputazzjonijiet li jirrigwardaw l-istess fattispecie tal-kaz migjub kontra l-appellant Emanuel Bezzina. Per konsegwenza lanqas l-appellant Emanuel Bezzina ma jista’ jinstab hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Di piu`, l-artikolu 82 tal-Kap. 406 jipprovdi illi persuna registrata ma tkunx hatja ta’ reat jekk iggib prova li ma kienx jaf u li ma setax b’diligenza ragonevoli jkun jaf b’dak l-eghmil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta’ jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas. Issa, kif inghad, huwa ppruvat illi l-appellant ma kienx prezenti waqt l-ispezzjoni u ma giex allegat illi ghandu d-don tal-bilokazzjoni. Jigifieri jekk kien hemm xi nuqqas da parti ta’ min kien qieghed jiehu hsieb il-hanut tieghu – u f’dan il-kaz gie determinat fis-sentenza citata li ma kienx hemm tali nuqqas – kien fl-impossibilita` fizika li jkun jaf li seta’ kien qieghed isehh xi eghmil jew nuqqas allegatament kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta. Inoltre huwa kien halla t-tmexxija tal-hanut in kwistjoni f’idejn ibnu, u ghalhekk ghalih certament persuna affidabbli, u fil-hanut kien hemm dak necessarju sabiex jinhargu l-ircevuti kollha necessarji. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax kif seta’ jinstab hati tar-reat addebitat lilu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------